MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 261/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Joseph Abdilla)**
**Vs**
**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:-
1. Fis-17 t'Ottubru 2003 u fiż-żminijiet ta' qabel, fil-Belt Valletta w f'postijiet oħrjan f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi w li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara jkunu ffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet

jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. fl-istess ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

3. fl-istess ċirkostanzi, li minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, kien fid-dmir li jagħmel jew jaghti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

4. fl-istess ċirkostanzi, b'falsifikazzjoni b'firem foloz jew tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera għamel falsifikazzjoni fi skrittua privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli jew aktar billi xjentement għamel użu minnha;

5. fl-istess ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument falsifikat mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel;

6. fl-istess ċirkostanzi approprija ruħu billi dawwar fi profit għalih jew għal persuna oħra mis-somma ta' aktar minn €2330 (Lm1000) li ġiet fdata jew kienet ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju għad-detriment tas-soċjeta' Joseph Borg Limited;

7. fl-istess ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħadd ieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn €2330 (LM1000) bi ħsara ta-soċjeta' Joseph Borg Limited;

8. fl-istess ċirkostanzi, bi ħsara tas-soċjeta' Joseph Borg Limited, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn €2330 (Lm1000);

9. b’hekk kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospiżi Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta mposti fuqu b’sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta’ Ġunju 2004;

10. B’hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta’ Mejju 2003;

11. B’hekk huwa jitqies reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta’ Malta wara li kien ikkundannat għal reati diversi mill-Qrati tal- Maġistrati (Malta) li saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 28A, 49, 50, 183, 184, 185, 187, 189, 293, 294, 308 u 309 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih b’dan pero’ li r-raba’, l-hames, is-sitta, s-seba’ w t-tmien imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, w wara li rat l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li matul il-proceduri l-appellant radd lura l-flus kollha, varjat iz-zmien ta’ sospensjoni li kien impost bis-sentenza tas-16 ta’ Gunju, 2004 billi s-sentejn ta’ prigunerija li ghalihom kien ikkundannat ikunu sospizi ghal erba’ snin ohra.
Barra dan, galadarba huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation li kienu mposti fuqu bis-sentenza tal-15 ta’ Mejju, 2003, u wara li rat l-artikoli 17(b), 203(1)(b), 86 u 87 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kap. 446 applikat l-artikolu 21 tal-Kap 9 u kkundannatu ihallas multa ta’ elf mija w sittin Euro (€1160). Wara li rat ukoll l-artikolu 28A(7)(b)(c) u 17(b) tal-Kap. 9 ikkundannatu ghal erbatax (14) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Settembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti, fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, b’dan pero’ li r-raba’, l-hames, is-sitt, is-seba’ w t-tmien imputazzjonijiet gew assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, u fejn

estendiet iz-zmien ta’ sospensjoni li kien impost fuq l-appellant b’sentenza tas-16 ta’ Gunju, 2004, u fejn, ghal dak li jikkoncerna l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-probation imposti fuqu b’sentenza tal-15 ta’ Mejju, 2003, il-Qorti applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ikkundannatu multa ta’ €1160 u tirrevokaha f’dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta’ erbatax-il xahar prigunerija ghal reati li ghalihom l-appellant kien qed jirrispondi primarjament u minflok tipprovdi ghal piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi, w dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li hu limitat ghall-piena li giet erogata mill-Ewwel Qorti fuq ir-reat mertu ta’ din il-kawza, ghaliex il-provvedimenti li l-Qorti tat dwar il-ksur tas-sentenza sospiza w il-ksur tal-probation ma hemmx appell.

Ikkonsidrat;

Illi rrizulta lil din il-Qorti li l-ammont li gie approprjat indebitament mill-*employer* tal-appellant kien gie kollu mhallas lura w dan addirittura qabel il-process u l-istess principal tal-appellant kien iddikjara li mhu qed jippretendi xejn minn ghand l-appellant.

Qieset ukoll li l-appellant illum huwa mizzewweg lill-istess persuna li tissemma fis-sentenzi precedenti fir-rigward tar-reati ta’ sekwestru tal-persuna, stupru w offizi ghall-pudur. Qieghed jahdem regolarment mal-Gvern u addirittura ghandu zewgt itfal miz-zwieg tieghu ma martu li jghix maghha regolarment fiz-zwieg.

Qieset ukoll li l-Ewwel Qorti stess kienet hasset li ghandha tkun miti mall-appellant meta minnflok ma irrendiet operattiva s-sentenza sospiza , estendiet it-terminu

taghha w meta minnflok ma ttrattat mall-appellant ghall-ksur tal-probation b' piena karcerarja, applikat fil-konfront tieghu piena pekunjarja. Pero' fl-istess hin, stranament deherilha li kellha tapplika piena karcerarja ghar-reati mertu ta' din il-kawza, meta proprju f' din il-kawza , bil-hlas lura tempestiv tal-ammont approprjat indebitament sehh ir-restitutio in integrum qabel ma beda l-process odjern.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi billi jidher li l-appellant issa rabba l-ghaqal u qed jghix hajja regolari w jipprovdi ghall-familja tieghu b'mod legittimu, hu opportun illi din il-Qorti taghti dik li tissejjah *"a window of opportunity"* lill-appellant biex ikun jista' jkompli fil-hajja riformata li qabad u tvarja s-sentenza appellata billi jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, b'dan pero' li l-hames, is-sitt, is-seba' w it-tmien imputazzjonijiet gew assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha wkoll fejn estendiet iz-zmien tas-sospensjoni li kien impost fuq l-appellant b'sentenza tas-16 ta' Gunju, 2004 u fejn ghal dak li jikkoncerna l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-*probation* imposti fuqu b'sentenzi tal-15 ta' Mejju, 2003, il-Qorti applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ikkundannatu multa ta' elf, mija w sittin Euro w tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant piena ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija ghar-reati li ghalihom l-appellant kien qed jirrispondi f' din il-kawza w, minnflok, ghall-ahhar darba terga' tpoggi lill-appellant taht *probation* ghal zmien tlett (3) snin bil-kondizzjonijiet elenkati fl-infraskritt Ordni ta' Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------